MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Numru. 856/2009

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Natalino Brincat, iben Stephen, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Lulju, 1987, Karta ta’ l-Identita numru 322687(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-4 ta’ Settembru, 2007 għal ħabta tal-11.00 a.m. fi Triq il-Kbira, Birkirkara u f’dawn il-Gżejjer Maltin:
1. għamel ħsara volontarja ta’ €582.34 fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ABF 756 għad-dannu ta’ Patrick Zammit liema ammont tal-ħsara ma jjkunx jiskorri €1,164.69 imma iżjed minn €116.47;
2. ikkaġuna offiżi gravi fuq il-persuna ta’ Stephen Brincat;

3. talli kkawża feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Charlene Schembri;
4. talli sar reċidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tad-9 ta’ Mejju, 2005 liema sentenza saret definitive u ma tistax tinbidel.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-persuni ta’ Stephen Brincat u Charlene Schembri taħt il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq skont l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba li minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli fil-konfront tal-ħati, tagħti direttiva dwar restituzzjoni jew kumpens taħt l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali taħt dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa dwar il-ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ABF 756.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsesn tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Mejju, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata li Patrick Zammit tħallas il-ħsara li sofra u konsegwenza ta’ dan qed jaħfer lill-imputat u jirrinunzja għall-azzjoni Kriminali. Charlene Schembri fl-istess seduta ħafret lill-imputat u irrinunzjat għall-azzjoni Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Mejju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiehħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, dwar it-tielet akkuża tiddikjara l-proċediment ezawrit. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 325(1)(b), 214, 215, 216, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------